# Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
# bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

***Magistrat Dr. Noel Cuschieri LL.D., Mag.Jur. (Euro. Law)***

***Drogi 275/00***

***Pulizija***
***Spettur N.N. Ciappara***
***vs***
***Desmond Falzon***

Illum 09 ta’ Marzu 2001

Il-Qorti,

Rat – Semghet – Ikkunsidrat:-

Illi l-akkuza dedotti kontra l-imputat hija bazata fuq ir-reat ta’ **pussess illegali tad-droga eroina** – riferribilment ghall-05 ta’ Marzu 2000 u fl-ahhar tlett xhur qabel din id-data.

Illi l-imputat ammetta l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant din tinstab sodisfacentement provata skond il-ligi.

In propositu ghall-piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali tieghu u jidrilha li f'dan il-kaz ghandha takkorda lill-imputat, il-beneficcju tal-liberta' kondizzjonata.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi ssib lill-imputat hati skond l-akkuza ai termini tar-reat ir-regolament 8 tal-GN 292/39;  izda tilliberah ***bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tnax – il xahar*** skond l-Artikolu 9 Kapitolu 152.

Il-Qorti spjegat lill-imputat is-sinifikat u l-import ta' l-imsemmi provvidiment

In fine tordna d-destruzzjoni tad-droga esebita, a kura tar-Registratur tal-Qorti.

***Dr.Noel Cuschieri***
***Magistrat***